



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2011/2229(DEC)

7.2.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2010
(C7-0289/2011 – 2011/2229(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Knut Fleckenstein

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri tikkunsidra li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet sottostanti, b'mod ġenerali, kienu legali u regolari;
2. Jinnota li l-Aġenzija, permezz tal-baġit 2010 tal-Unjoni, kellha disponibbli EUR 24 100 000 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet u li l-persunal żdied minn 125 għal 142;
3. Jinsab imħasseb li l-Aġenzija qed tittrasferixxi approprjazzjonijiet li jammontaw għas-somma konsiderevoli ta' EUR 5.5 miljun mis-sena finanzjarja 2010 għal dik tal-2011; huwa tal-fehma li t-trasferiment tal-appropriazzjonijiet jirrappreżenta ksur serju tal-prinċipju baġitarju tal-annwalità;
4. Jikkunsidra li fid-dawl tal-kriżi finanzjarja huwa importanti ħafna li l-użu tal-appropriazzjonijiet jiġi ottimizzat, u jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija janalizzaw u jstabilixxu r-rekwiżiti baġitarji reali biex l-Aġenzija tkun tista' twettaq il-kompiti kollha fdati lilha;
5. Ifakkar li l-Aġenzija, fis-snin finanzjarji 2008 u 2009, ukoll kienet ittrasferiet approprjazzjonijiet f'ammonti konsiderevoli għal fuq is-sena finanzjarja sussegwenti; huwa tal-fehma li dan il-ksur serju tal-prinċipju baġitarju tal-annwalità ma jstax jiġi aċċettat aktar fil-futur u li l-kwittanza f'okkażjoni oħra għandha tiġi rrifjutata, f'każ ta' ksur ieħor ta' dak il-prinċipju baġitarju; jitlob lill-Aġenzija tiegħu mingħajr dewmien il-miżuri meħtieġa għat-titjib tas-sitwazzjoni;
6. Jassumi li l-oġġezzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri għall-kontijiet annwali tal-Aġenzija għall-2009 fir-rigward tal-kontabbiltà u l-estimazzjoni ġew indirizzati;
7. Jiġbed l-attenzjoni tal-Aġenzija għar-rapport tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2011 "dwar il-kwittanza 2009: rendiment, ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-Aġenziji"; jitlob lill-Aġenzija tkun konformi miegħu;
8. Jipproponi, minkejja dan, li l-Parlament jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	6.2.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 3 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Philip Bradbourn, Antonio Cancian, Michael Cramer, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Laurence J.A.J. Stassen, Keith Taylor, Silvia-Adriana Țicău, Giommara Uggias, Artur Zasada, Roberts Zīle
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Spyros Danellis, Michel Dantin, Dominique Riquet, Anna Rosbach
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ioan Enciu